MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 3/2022 LM

**Marthese Agius (K.I. nru. 543062M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Deluxe Bathrooms**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Deluxe Bathrooms**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-4 ta' Novembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']. L-appellanta ħassitha aggravata bid-

deċiżjoni appellata fejn hija ġiet ordnata tirrifondi l-ammont ta' €3,000 lir-rikorrenti **Marthese Agius (K.I. nru. 543062M)** wara li din xtrat materjal mingħand l-intimata, u sussegwentement ġie stabbilit li dan il-materjal ma kienx idoneu għall-iskop li għalih kellu jintuża.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti kienet ordnat u xtrat materjal mingħand l-intimata, fuq parir li ngħatat minn esponenti tal-istess intimata. Fid-dikjarazzjoni tagħha li ppreżentat quddiem it-Tribinal, ir-rikorrenti spjegat li wara li saret il-kunsinna tal-materjal, hija kkonstatat li dan ma kienx idoneu għall-iskop li għalih ried jintuża. Ir-rikorrenti tgħid illi kienet qagħdet fuq il-parir tas-*salesman*, li kien ta d-doppju ta' dak li verament kellha bżonn. Ir-rikorrenti qalet li l-intimata kienet aċċettat li tieħu l-materjal żejjed lura, u li tirrifondi lir-rikorrenti, imma minkejja li għadda ż-żmien, dan baqa' ma sarx.

3. L-intimata fir-risposta tagħha spjegat li r-rikorrenti kienet marret fl-istabbiliment tagħha bi pjanta, u spjegat li xtaqet tagħmel madum fuq il-bejt li jkun jixbaħ il-*parquet decking*, u riedet materjal ieħor għat-taraġ. Spjegat li r-rikorrenti għamlet enfasi li t-turġien kellhom ikunu pariġġ il-kumplament tal-madum, u kien għalhekk li hija ġiet offruta l-possibilità li ssir ordni mingħand *supplier* partikolari sabiex ikun jista' jsir xogħol skont ix-xewqat tagħha. L-intimata qalet li l-ordni tal-madum saret abbażi tal-pjanta pprovduta mir-rikorrenti, u wara li ngħatat *quotation* tal-prezz, ir-rikorrenti pproċediet bl-ordni. L-intimata qalet li meta saret il-kunsinna, ir-rikorrenti ħallset għal kollox, iżda talbet li l-madum tat-taraġ jinżamm għand l-intimata sakemm ir-rikorrenti

tiġi bżonnu. Sussegwentement, ir-rikorrenti għamlet ordni separata ta' materjal għall-*barbeque* fuq il-bejt, u wara li saret il-kunsinna ta' dan il-materjal, ir-rikorrenti infurmat lid-*deliveryman* li l-madum tat-tarag ma riditux u li ma kinitx disposta tħallas għall-materjal tal-*barbeque* għaliex hija kienet diġà ħallset għat-taraġ, u ssuġġeriet li ssir tpaċija b'dak il-mod. L-intimata qalet li dan ma kienx aċċettabbli għaliha għaliex l-ordni tal-madum tat-taraġ kienet saret skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti u saret appożitament għaliha.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Novembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-azjenda intimata għandha tirrifondi parzjalment lir-rikorrenti s-somma ta' €3,000, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra*
>
> *Illi rriżulta mill-provi illi r-rikorrenti xtrat madum u diversi aċċessorji oħra mingħand l-azjenda intimata għal* penthouse *tagħha u għal appartament tat-tifla. Meta ġiet biex tagħmel il-*pool area, *tgħid li xi ħadd mill-azjenda intimata ssuġġerielha madum li jixbaħ* parquet decking *u qalulha li jekk tieħdu ħa tiffranka l-flus. Ir-rikorrenti tgħid li ma kellhiex idea tal-affarijiet u tat pjanta ta' kif kienet ġejja l-*pool area *u ħalliet f'idejn l-azjenda intimata. Meta ġew biex iwaħħlu l-madum ħdejn il-*pool, *il-madum ma kienx adattat u ċemplet is-sid tal-azjenda intimata biex tinfurmah u qalilha li kien ġab il-madum għaliha biss. Ir-rikorrenti tgħid illi kienet qagħdet fuq il-parir tas-*salesman *li kien ta d-doppju ta' dak li verament kellha bżonn. Waslu f'kompromess li kellhom jieħdu l-madum lura u meta jbiegħu jtuha lura l-flus. Ġew għall-madum iżda ftit wara bdew iċemplu r-rikorrenti u qalulha li ħa jġibuh lura għax mhux se jbiegħuh.*
>
> *Illi għalkemm l-azjenda intimata daħħlet risposta, ħadd ma deher meta hekk imsejjaħ biex jixhed. Ir-risposta għalhekk mhijiex konfermata bil-ġurament u t-Tribunal m'għandux verżjoni oħra li b'xi modi tikkontrasta dik tar-rikorrenti. Wara li qies iċ-ċirkostanzi, jidhirlu illi għandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti* arbitrio boni viri *fl-ammont ta' tlett elef euro.*

*Għal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna l-azjenda intimata tħallasha s-somma ta' tlett elef euro (€3,000). Bl-ispejjeż kontra l-azjenda intimata."*

## L-Appell

5. Permezz tar-rikors tal-appell imressaq mill-intimata fit-18 ta' Novembru, 2022, hija talbet lill-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiddikjara li hija m'għandha l-ebda responsabbilità x'iġġorr.

6. L-appellanta bdiet billi qalet li hija ma dehritx meta kienet imsejħa biex tidher quddiem it-Tribunal għaliex hija ma ġietx notifikata bil-proċeduri quddiem it-Tribunal, għaliex ma kienx hemm ġudikatur biex jisma' dawn il-proċeduri. Qalet li għalhekk hija ma kinitx f'pożizzjoni li tressaq id-difiża u l-provi tagħha.

7. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-appellata kienet marret għandha sabiex tixtri materjal għall-fond proprjetà tagħha, u riedet speċifikament madum li jixbaħ il-*parquet decking* għal fuq il-bejt, u madum ieħor għat-taraġ, u l-appellata nsistiet li dawn kellhom ikunu pariġġ. L-appellanta qalet li meta l-partijiet qablu fuq materjal partikolari, dan ġie ordnat speċifikament għall-appellata, u meta saret l-ordni, l-appellata ħallset id-depożitu, filwaqt li ordnat materjal għall-appartament kollu. L-appellanta qalet li meta saret il-kunsinna, l-appellata ħallset ta' kollox, iżda riedet li parti mill-materjal jinżamm fl-imħażen tal-appellanta sa meta hija tiġi bżonnu. L-appellanta qalet li hija żammet dan il-materjal għandha bi pjaċir. L-appellanta qalet li l-appellata reġgħet għamlet ordni oħra, din id-darba ta' materjal għall-

*barbeque area* fuq il-bejt, u meta saret il-kunsinna ta' dan il-materjal, l-appellata infurmat lid-*deliveryman* li hija ma riditx il-materjal tat-taraġ, u li ma kienx fi ħsiebha tħallas għall-materjal il-ġdid għaliex hija kienet diġà ħallset għat-taraġ. L-appellanta qalet li l-materjal tat-taraġ ġie ordnat speċifikament għall-appellata, u skont struzzjonijiet tagħha, u għalhekk hija ma tistax tbiegħ l-istess materjal lil ħaddieħor għaliex dan inħadem speċifikament għall-appellata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellata wieġbet li mhuwiex veru li l-appellanta ma kinitx ġiet notifikata bil-proċeduri quddiem it-Tribunal, u dan għaliex mill-*pink card* esebita għandu jirriżulta li l-appellanta kienet notifikata bil-formula, bl-avviż tas-smigħ u bil-kopja tal-applikazzjoni u l-formola tar-risposta. L-appellata qalet li l-appellanta ressqet ir-risposta tagħha, iżda imbagħad iddeċidiet li ma tidhirx għas-seduta, u li ma tressaqx provi. Qalet ukoll li mhux minnu li ma kienx hemm ġudikant biex jisma' l-provi, u s-seduta dejjem kienet skedata għall-20 ta' Mejju, 2022, id-data meta fil-fatt saret is-seduta. L-appellata qalet li kienet l-appellanta li *sua sponte* għażlet li ma tattendix għas-seduta, u minkejja li hija kellha l-fakultà li titlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, hija naqset milli tagħmel dan.

9. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li dan huwa tentattiv sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, meta kien it-Tribunal li kellu l-opportunità jisma' x-xhieda u josserva l-komportament tagħhom. Qalet li sabiex Qorti ta' reviżjoni tvarja jew tħassar il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, din trid tkun sodisfatta li d-diskrezzjoni li użat l-

Ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, intużat ħażin. L-appellata qalet li fil-każ odjern saru allegazzjonijiet dwar fatti li ma jirriżultawx mill-provi miġbura mit-Tribunal, u fl-istadju tal-appell ma jistgħux isiru sottomissjonijiet dwar fatti li ma jirriżultawx mill-atti, u għalhekk it-tieni aggravju tal-appellanta għandu jiġi skartat. L-appellata qalet li l-appellanta kienet skjetta fir-rappreżentazzjoni tal-fatti mogħtija minnha, u naqset milli tispjega kif il-madum ta' ħdejn il-*pool* ma kienx adattat għall-użu li kien maħsub għalih, u kif kien ittieħed qies ħażin minn esponenti tal-appellanta, u saret kunsinna ta' materjal żejjed.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta tal-appellata, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li hija ma kinitx notifikata bil-proċeduri quddiem it-Tribunal, u kienet taħt l-impressjoni li ma kienx hemm ġudikatur sabiex jisma' l-kawża bejn il-partijiet. Dan huwa kontradett minn dak li jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2022, fejn ġie rrimarkat illi *"Ma deher ħadd għas-soċjetà intimata għalkemm debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smigħ."* Mill-provi esebiti fil-proċess, jirriżulta li l-appellanta kienet notifikata bl-avviż tat-talba u anki daħħlet risposta għall-ilment tal-appellata, iżda meta saret is-seduta quddiem it-Tribunal ma deher ħadd biex jirrappreżenta lill-appellanta. Dan l-aggravju ċertament li ma jimmeritax konsiderazzjoni fit-tul mill-Qorti, għaliex kienet l-appellanta li għażlet li ma tidhirx quddiem it-Tribunal u tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti kif seħħew. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex

ġustifikat u tiċħdu, għaliex mill-provi jirriżulta li mhuwiex minnu li l-appellanta ma kinitx notifikata bis-smigħ tal-proċeduri odjerni.

11. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta terġa' telenka l-fatti allegati minnha fir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal, li però mhumiex sorretti mill-provi in atti jew mix-xhieda mogħtija, imma fl-aħħar mill-aħħar kienet l-appellanta li għażlet li ma tattendix għas-seduta li saret quddiem it-Tribunal. Dan ifisser li l-unika verżjoni li kellu quddiemu t-Tribunal kienet dik mogħtija mill-appellata, u din il-verżjoni ma ġiet kontradetta minn ebda prova oħra. Il-Qorti tqis li l-appellanta kellha kull opportunità li titlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li kieku riedet tressaq il-provi tagħha għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal, imma hija naqset milli tagħmel dan. Fuq kollox kien obbligu tal-appellanta li ladarba kienet taf bil-proċeduri odjerni, kif jirriżulta bl-aktar mod ampju mill-atti, hija kellha tieħu interess li ssegwi l-andament tal-proċeduri u tara f'liema stadju jkunu waslu l-proċeduri kontriha, mhux tistenna li tingħata s-sentenza sabiex imbagħad tinqeda bl-appell sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha. Fi kwalunkwe każ, l-appellanta naqset milli tispjega kif l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal kien żbaljat b'tali mod li jekk id-deċiżjoni appellata tiġi kkonfermata, ser issir inġustizzja manifesta kontra tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki it-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**